



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-4 ta' Ottubru 2016

Għajjnuna mill-Istat: ftit li xejn sensibilizzazzjoni, u nuqqas ta' konformità sinifikanti fl-Istati Membri, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Skont rapport ġdid mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-Istati Membri ffit li xejn qed jaqdbu każijiet ta' ksur tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. L-awdituri jgħbdu l-attenzjoni għal livell sinifikanti ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni u jappellaw għal bidliet fil-mod kif il-proġetti jiġu approvati u mmonitorjati.

L-awdituri vvalutaw il-livell ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat fil-politika ta' koeżjoni fis-sinjura sal-2014, u kemm il-Kummissjoni Ewropea kienet konxja tal-kawżi tan-nuqqas ta' konformità. Huma eżaminaw ukoll jekk kienx probabbli li r-regoli ġodda tal-Kummissjoni għall-perjodu 2014-2020 iġibu magħhom titjib.

Huma sabu livell sinifikanti ta' nuqqas ta' konformità. Kważi 20 % tal-proġetti fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni li kellhom rilevanza għall-għajjnuna mill-Istat kienu milquta minn żbalji relatati mal-għajjnuna mill-Istat. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet tal-awditjar fl-Istati Membri qabdu ferm inqas każijiet ta' ksur tar-regolimentali qabdet il-Kummissjoni jew inkella milli qabdu l-awdituri tal-UE. L-Istati Membri sabu żbalji fi 3.6 % biss tal-proġetti rilevanti, filwaqt li l-awdituri tal-UE qabdu aktar minn ħames darbiet aktar din ir-rata, bl-użu ta' metodoloġija simili.

"L-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri huma parti importanti mill-katina ta' kontroll fil-politika ta' koeżjoni. Iżda s-sejbiet tagħna jindikaw li, sa issa, dawn għadhom ma ffukawx biżżejjed fuq l-għajjnuna mill-Istat matul l-awditi tagħhom," qal is-Sur Oskar Herics, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport.

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, id-databases tal-Kummissjoni ma ppermettewx li hi twettaq analiżi xierqa tal-iżbalji relatati mal-għajjnuna mill-Istat; u lanqas il-monitoraġġ li wettqet ma rriżulta f'xi rkupru sinifikanti ta' għajjnuna mill-Istat. Partikolarment fil-bidu ta' dak il-perjodu, jgħidu l-awdituri, l-Istati Membri rarament innotifikaw lill-Kummissjoni dwar investimenti fl-infrastrutturi biex l-għajjnuna mill-Istat tiġi approvata, u sa tmiem l-2012, il-Kummissjoni ma kkontrollatx b'mod sistematiku jekk il-proġetti fuq skala kbira kinux konformi mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat. Biex tnaqqas dan ir-riskju, il-Kummissjoni introduċiet regoli ġodda għall-perjodu 2014-2020, iżda dawn mhux dejjem jipprovdu ċertezza legali.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

L-awdituri josservaw li l-Kummissjoni ssimplifikat il-leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat biex tnaqqas il-burokrazija u żżid it-trasparenza, iżda fl-istess ħin tat responsabbiltà akbar lill-Istati Membri għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna. Il-monitoraġġ mill-Kummissjoni wera li l-Istati Membri għamlu ħafna żbalji fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Għalhekk, dan it-trasferiment fir-responsabbiltà għandu r-riskju li jżid l-għadd ta' żbalji relatati mal-għajnuna mill-Istat u se jirrikjedi attenzjoni kontinwa.

L-awdituri jirrakkomandaw li jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- timponi azzjoni korrettiva fejn il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat ma jkunux f'konformità mar-regoli;
- tuża d-database tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat, biex b'hekk tkun tista' tanalizza faċilment it-tip, il-frekwenza, is-serjetà, l-oriġini ġeografika u l-kawża tal-irregolaritajiet, u timmonitorja regolarment il-kapaċità tal-Istati Membri li jikkonformaw mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat;
- tapprova proġetti fuq skala kbira, biss wara li l-għajnuna mill-Istat tkun ġiet approvata internament, u titlob konsistentement lill-Istati Membri jinnotifikaw l-għajnuna fejn meħtieġ;
- tiżgura, sa nofs l-2017, li l-ambitu u l-kwalità tal-kontrolli imwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri, fuq il-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ikunu suffiċjenti;
- tuża s-setgħat tagħha li tissospendi l-pagamenti lill-Istati Membri, jekk il-kundizzjonalità *ex ante* li tikkonċerna l-għajnuna mill-Istat ma tiġix issodisfata sa tmiem l-2016.

Noti lill-Edituri

L-għajnuna mill-Istat hija kull għajnuna mogħtija minn Stat Membru li twassal għal distorsjoni jew tista' twassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni billi jingħata vantaġġ lil ċerti intrapriżi, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Fil-prinċipju, l-għajnuna mill-Istat hija pprojbita sabiex jiġi żgurat illi s-suq intern jiffunzjona tajjeb. Madankollu, f'ċerti setturi jew oqsma ġeografiċi, jew f'ċirkustanzi speċjali, għajnuna sa mhux aktar minn ċertu valur tista' tkun kompatibbli mas-suq intern. Matul il-perjodu mill-2010 sal-2014, l-Istati Membri taw medja ta' EUR 76.6 biljun ta' għajnuna mill-Istat kull sena, eskluża l-għajnuna lis-settur finanzjarju, lil-linji ferrovjarji u lis-servizzi pubbliċi bħas-servizzi tal-posta. Dan jirrappreżenta aktar minn 0.5 % tal-PDG tal-Istati Membri tal-UE.

Il-politika ta' koeżjoni hija waħda mill-oqsma prinċipali ta' nfiq fil-baġit tal-UE. Għall-perjodu 2014-2020 il-baġit totali għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew jammonta għal EUR 352 biljun, żieda minn EUR 347 biljun matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, l-infiq taħt il-politika ta' koeżjoni kien jirrappreżenta aktar minn kwart tal-għajnuna mill-Istat mogħtija fl-UE matul il-perjodu 2007-2013.

Ir-Rapport Speċjali Nru 24/2016: "Jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u tiġi infurzata l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-politika ta' koeżjoni" huwa disponibbli bi 23 lingwa tal-UE.